# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**Illum, 27 ta' Frar, 2001.**

**Kawza Nru. 2.**
**Citazz. Nru. 1157/97 JRM**

**BANK of VALLETTA p.l.c.**

**vs**

**Tarcisio CAMILLERI**

## Il-Qorti,

Rat l-att tac-Citazzjoni tal-21 ta' Mejju,1997, li bih il-Bank attur ippremetta:

Illi s-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet "Loan Facilities" lill-konvenut Tarcisio Camilleri bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti in atti Nutar Marthese Felice datati 29 ta' Marzu 1994 u 26 ta' Lulju 1995 li qed jigu hawn esebiti bhala Dokument "A" u Dokument "B" rispettivament;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenut fl-ammont ta' tmienja u ghoxrin elf, seba' mija u sebgha u disghin liri maltin u

sittin centezmu (Lm28,797.60) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" tal-konvenut Tarcisio Camilleri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C" u Dok "D") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1996 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi l-konvenut gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 27 ta' Dicembru 1996 hawn esebita u markata Dok "E" sabiex ihallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa' inadampjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lill-konvenut Tarcisio Camilleri jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmienja u ghoxrin elf, seba' mija u sebgha u disghin liri maltin u sittin centezmu (Lm28,797.60) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" tal-konvenut Tarcisio Camilleri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C" u Dok "D") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1996 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 27 ta' Dicembru 1996 (Dok "E") kontra l-konvenut li hu ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u l-lista tax-xiehda tal-Bank attur, flimkien mal-hames (5) dokumenti mehmuzin mieghu;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut tal-5 ta' Mejju, 1998, li biha ecepixxa li l-attur accetta li jipposponi l-proceduri legali kontra l-konvenut sakemm dan ta' l-ahhar jibqa' jhallas l-pagamenti mensili tieghu, konsegwentement l-ammont pretiz mill-konvenut mhux dovut; salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u l-lista tax-xiehda tal-konvenut;

Rat id-degriet taghha (diversament presjeduta) tas-7 ta' Mejju, 1998 (pagna 20 tal-process);

Rat ix-xhieda tal-partijiet mismugha quddiem l-Assistant Gudizzjarju;

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-Degriet taghha tat-12 ta' Dicembru, 2000, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza;

## *Ikkunsidrat:*

Illi jirrizulta li l-Bank attur ta lill-konvenut zewg facilitajiet ta' self bis-sahha ta' zewg kuntratti: wiehed ghal ghoxrin elf lira maltin (Lm20,000) bis-sahha ta' kuntratt tad-29 ta' Marzu,1994 (Dok "A", pagni 5 sa 7 tal-process) u l-ohra ghal hamest elef lira maltin (Lm5,000) bis-sahha ta' kuntratt iehor tas-26 ta' Lulju, 1995 (Dok "B", pagni 8 sa 10 tal-process). Sa dak inhar li tressqet ic-Citazzjoni, il-konvenut kien utilizza z-zewg facilitajiet u kien jidher bhala debitur tal-Bank attur fl-ammont mitlub fl-istess Citazzjoni, minbarra l-imghaxijiet (Dokumenti "C" u "D", pagni 11 u 12);

Illi jirrisulta wkoll li l-konvenut kien mitlub b'ittra ufficjali fis-27 ta' Dicembru, 1996, li jwettaq il-hlas tal-ammont minnu dovut, (Dok "E") imma naqas li jaghmel dan;

Illi huwa mar ikellem lit-taqsima tal-Advances tal-Fergha tal-Bank ta' Preluna, Sliema (fejn il-kontijiet tal-konvenut huma amministrati) xi sena wara li nbdiet il-kawza. Kemm hu hekk, dwar it-tieni facilita' (jigifieri dik tal-hamest elef lira), il-Bank kien dispost li jaccetta hlasijiet b'rati ta' mitt lira maltin (Lm100) kull xahar minghand il-konvenut (Dokument mehmuz ma' Nota f'pagna 23 tal-process);

Il-konvenut hallas xi ammont izda, sa Jannar tal-1999, il-kotba tal-Bank attur kienu juruh ghandu jhallas komplessivament dwar iz-zewg facilitajiet somma li tisboq dik mitluba fl-att tac-Citazzjoni (pagna 28 tal-process);

Il-konvenut innifsu jaqbel li l-ftehim mal-Bank dwar il-hlas b'rati sehh biss dwar is-self tal-hamest elef lira, u li dan il-ftehim sar wara li nbdiet il-kawza. Min-naha l-ohra, il-konvenut jghid li l-

hlas lura tas-self tal-ghoxrin elf lira kien issuggerixxa li jwettqu mal-bejgh ta' proprjeta' li kellu: qal li dan is-suggeriment kien sar qabel ma nbdiet il-kawza, imma ma kien inftiehem l-ebda terminu sakemm dan seta' jsir;

Ir-rappresentant tal-Bank attur ikkonferma li s-self tal-ghoxrin elf lira maltin inhareg fuq il-kundizzjoni li l-hlas lura jsir mal-bejgh ta' proprjeta' tal-konvenut. Imma meta sar il-kuntratt li bih inghatat il-facilita', ma ssemma xejn minn dan fih;

## *Ikkunsidrat:*

Illi, fil-qofol, il-konvenut m'huwiex qieghed jikkontesta li huwa debitur tal-Bank attur: fl-eccezzjonijiet tieghu, qieghed jtenni li l-Bank accetta li jzomm milli jmexxi 'l quddiem il-kawza, minhabba li accetta kondizzjoni fi ftehim mieghu;

Illi l-Bank attur jishaq li, jekk kien hemm xi ftehim mal-konvenut, dan kien limitat biss ghas-self "iz-zghir", liema ftehim intalab mill-konvenut u gie koncess mill-Bank wara li nbdiet il-kawza u bil-fehma li l-hlasijiet jsiru regolarment u f'waqthom. Min-naha l-ohra, il-Bank ma jqisx ruhu marbut bl-ebda kondizzjoni dwar il-hlas lura tas-self "il-kbir", ghajr bil-mod imsemmi fl-att nutarili kostitutiv;

Illi ma tressqet l-ebda prova li xi wahda miz-zewg obbligazzjonijiet maghmula bejn il-Bank u l-konvenut fl-imsemmija kuntratti giet imhassra. Il-konvenut innifsu jistqarr li l-arrangament dwar il-hlas lura kellu jsir fl-isfond tal-ftehim originali. Lanqas ma gie allegat li sar dejn gdid li tqieghed minflok il-qadim li ntemm. Dan igib l-effett li ma saret l-ebda novazzjoni kif imfissra mil-ligi [art. 1179 (a) u art. 1181 (1) tal-Kapitolu 16];

Il-konvenut, ghalhekk, ghadu marbut bl-obbligazzjonijiet li dahal ghalihom orginarjament mal-Bank attur permezz taz-zewg kuntratti msemmija;

Ghal dak li jirrigwada l-hlas lura tas-self maghmul bl-ewwel kuntratt, diga' nghad li ma kien hemm l-ebda kundizzjoni specifika msemmija f'dak il-kuntratt li tghid li l-hlas lura jrid isir

meta tinbiegh il-proprjeta' tad-debitur. Il-Qorti, ghalhekk, issib li ma jistax jinghad li l-Bank kien mizmum milli jitlob il-hlas dovut mill-imharrek minhabba l-kondizzjoni li qieghed isemmi huwa. Il-Qorti tifhem li, aktar milli kundizzjoni, l-arrangament li seta' ssemma bhala raguni ghaliex l-imharrek jinghata s-self ghandu izjed jitqies bhala modalita' ta' hlas. Minbarra dan, fl-interpretazzjoni xierqa tal-kuntratt tas-self, lanqas jista' japplika f'dan ir-rigward dak li jipprovdi l-artikolu 1003 tal-Kodici Civili, billi jidher car li dak li qieghed jallega l-konvenut u dak li fehem il-Bank m'humiex l-istess;

Ghal dak li jirrigwarda s-self maghmul bit-tieni kuntratt, hareg car mill-provi li l-accettazzjoni tal-bank li l-konvenut ihallas b'rati ta' kull xahar sehhet wara li nbdiet il-kawza, u fuq tahdidiet li nbdew wara li l-imharrek kien gie notifikat u li saru fuq inizjativa tieghu. Dawn ic-cirkostanzi, ghalhekk, ma setghu qatt jimmilitaw kontra t-tempestivita' li biha l-Bank attur mexxa l-kawza, izjed u izjed meta l-imharrek kien gie mitlub b'att gudizzjarju xhur qabel ma nbdiet il-kawza biex iwettaq il-hlas u baqa' ma ghamel xejn;

Kif issottometta l-Bank attur fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu (pagna 41 tal-process), l-arrangament li bih l-imharrek inghata l-fakolta' li jhallas b'rati kien jiddependi miz-zewg cirkostanzi tal-puntwalita' u tar-regolarita'. Irrisulta li, f'dan ir-rigward ukoll, ghalkemm kien hemm tentativ min-naha tal-konvenut biex ihares din il-koncessjoni, spicca biex ma wettaqx dak li kien intrabat jaghmel, u b'hekk tilef kull beneficcju li seta' nghata;

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billli:

Filwaqt li **tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba tal-Bank attur** u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess Bank is-somma ta' tmienja u ghoxrin elf, seba' mija u sebgha u disghin lira maltin u sittin centezmu (Lm28,797.60) mitluba fic-Citazzjoni, flimkien mal-imghaxijiet legali fuq dik is-somma, wara li jitnaqqas il-hlas maghmul fil-mori tal-kawza akkont tal-istess imghaxijiet.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenut.

**Moqrija**

*27 ta' Frar, 2001.*

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**27 ta’ Frar, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**27 ta’ Frar, 2001.**